# Ktejjeb ta' Riżorsi għall-Ewwel u t-Tieni Sena tal-Primarja - 3

(Riżorsi mis-sit malti.skola.edu.mt)

# L-Ewwel Sena – Taħdit

Attività: Uri l-istampa lill-istudent u saqsi mistoqsijiet biex jitkellem dwarha.



Tista' ssaqsi mistoqsijiet bħal:

Fejn qiegħda din il-mara?
X'qed tagħmel?
X'inhi liebsa?
X'inhu l-oġġett li juri d-data?
Inti xi tħobb tiekol l-aktar? Għaliex?
Hemm xi ħaġa li ma tħobbhiex? X'inhi din? Għaliex?

# L-Ewwel Sena -Smigħ

## A: Isma'.

*Hawn se nħaddmu l-ħila tas-smigħ. Għalhekk din is-silta trid tinqara minn adult filwaqt li l-istudent jara l-karta tal-mistoqsijiet biss. Agħti ċans biex l-istudent jara l-mistoqsijiet. Wara ftit aqra s-silta waqt li l-istudent jista' jibda jwieġeb il-mistoqsijiet. Agħti ċans biex l-istudent ikompli jwieġeb il-mistoqsijiet qabel ma terġa' taqra s-silta għat-tieni darba. Hawn l-istudent irid jiċċekkja r-risposti.*

<u>Ix-Xita</u>

Illum il-Ġimgħa.

Ix-xitwa.

Nieżla x-xita.

Lara sejra l-iskola.

Hi sejra bil-vann.



Lara tilbes ġakketta tax-xita.

Il-ġakketta hi blu.

It-tmienja.

Lara toħroġ quddiem il-bieb.

Hi tistenna l-vann mal-mamà.

Il-mamà żżomm l-umbrella.

L-umbrella hi safra u kbira.

Tgħaddi karozza ħamra.

Il-karozza ttajjar l-ilma.

Ċluff! Lara u l-mamà jixxarrbu!

## Taħriġ A: Pinġi r-risposta t-tajba:

1. L-istorja ġrat

| | | |
|---|---|---|
| il-Ġimgħa. | is-Sibt. | it-Tnejn. |

2. It-temp kien

| | | |
|---|---|---|
| xemxi. | bix-xita. | bir-riħ. |

3. Lara sejra

| | | |
|---|---|---|
| l-mużew. | l-iskola. | l-ħanut. |

4. Lara tilbes ġakketta

| | | |
|---|---|---|
| ħadra. | ħamra. | blu. |

5. Lara tistenna l-vann

| | | |
|---|---|---|
| mal-mamà. | mal-papà. | man-nanna. |

6. L-umbrella hi

| | | |
|---|---|---|
| ħamra. | safra. | vjola. |

7. Il-karozza hi

| | | |
|---|---|---|
| ħamra. | blu. | ħadra. |

# L-Ewwel Sena – Grammatika

## A: Imla l-vojt.

1. pa___r___ 
2. _____adi___a 
3. ta___ib 
4. si___ra 
5. mi___lu___a 
6. ___elat 
7. ___er___a 
8. ba___a___ja 
9. a___ru___lan 
10. m___tu___ 
11. ta___ama 

B: Aqta' linja taħt il-kelma li turi l-azzjoni.

Eż: Mark jaqra ktieb. 

1. Anna taqbeż il-ħabel. 
2. Bobo jiġri ħafna. 
3. Alex jidħak biċ-ċajta. 
4. Amanda ddoqq il-pjanu. 
5. Peter ikanta. 
6. Lisa tiżfen. 
7. Rita tpinġi stampa. 
8. Stella torqod kmieni. 
9. Pam tibki ħafna. 
10. Alan jixrob l-ilma. 

# It-Tieni Sena – Taħdit







L-istudent iħares lejn l-istampi u jistaqsi tliet mistoqsijiet dwar x'qed jiġri fl-istampa. L-adult irid iwieġeb il-mistoqsijiet li jsiru.

# It-Tieni Sena – Smigħ

*Hawn se nħaddmu l-ħila tas-smigħ. Għalhekk din is-silta trid tinqara minn adult filwaqt li l-istudent jara l-karta tal-mistoqsijiet biss. Agħti ċans biex l-istudent jara l-mistoqsijiet. Wara ftit aqra s-silta waqt li l-istudent jista' jibda jwieġeb il-mistoqsijiet. Agħti ċans biex l-istudent ikompli jwieġeb il-mistoqsijiet qabel ma terġa' taqra s-silta għat-tieni darba. Hawn l-istudent irid jiċċekkja r-risposti.*

L-Album tar-Ritratti

Kendra u ommha kienu qed jiżbarazzaw xi kxaxen fl-istudju tal-papà. Fost ruxxmata karti Kendra sabet album tar-ritratti. Kendra u ommha poġġew bilqiegħda fuq żewġ siġġijiet tal-injam u qagħdu jaraw l-album. Kendra rat ritratt tagħha meta kienet tarbija. Kienet fuq is-sodda tilgħab b'ċekċieka ta' lewn roża u kellha gażaża bajda ġo ħalqha.

Ritratt ieħor kien ta' ħuha Oliver u tagħha mal-mamà. Kienu lebsin kostum tal-karnival. Ħuha kien fi ħdan ommha għax kien għadu żgħir. Kien liebes kostum ta' buffu u kellu parrokka oranġjo. Hi kienet liebsa kostum ta' prinċipessa. Rat ritratt tagħha tibki. Ommha qaltilha li kienet qed tibki għax mietet il-papra tagħha. Ritratt ieħor kien juri lill-familja kollha waqt ir-riċeviment tal-magħmudija tal-kuġin tagħha, Ivan. Imbagħad rat ritratt ta' Nokklu. Kendra kienet tiftakru lil Nokklu għax ma kienx ilu li miet. Nokklu kien ġeru abjad żgħir tar-razza *Poodle*.

Rat ritratti tagħha tal-ewwel tqarbina. F'dawn ir-ritratti Kendra ma tantx ġiet sew. Il-mamà kienet qaltilha biex toqgħod ħalqha magħluq għax kellha s-snien ta' quddiem neqsin. Allura Kendra f'dawn ir-ritratti ġiet tidher bin-nervi. F'daqqa waħda l-mamà għalqet l-album. Ftakret li Kendra kellha tmur id-duttrina. Għalhekk qalet lil Kendra biex ikomplu jaraw l-album aktar tard filgħaxija.



Mistoqsijiet:

Immarka r-risposta t-tajba b' ✓

| | | |
|---|---|---|
| 1. Kendra sabet ir-ritratti fost ruxmata karti. | Veru | Falz |
| 2. Fir-ritratt tal-kostum tal-karnival Oliver kellu parrokka oranġjo. | Veru | Falz |
| 3. Fir-ritratt tal-karnival Kendra kienet liebsa kostum ta' pupa. | Veru | Falz |
| 4. Fir-ritratt Kendra kienet qed tibki għax mietet il-papra. | Veru | Falz |
| 5. Nokklu kien kelb kbir u iswed. | Veru | Falz |
| 6. Fir-ritratt tal-ewwel tqarbina Kendra kellha s-snien ta' quddiem neqsin. | Veru | Falz |
| 7. Il-mamà għalqet l-album għax Kendra kellha tmur id-duttrina. | Veru | Falz |
| 8. Kendra u ommha kellhom jaraw l-album aktar tard filgħaxija. | Veru | Falz |

## It-Tieni Sena - Kitba

1. X'inhu x-xogħol ta' Selina?
2. Fejn taħdem Selina?
3. X'tagħmel fix-xogħol tagħha?




Ikteb 3 sentenzi dwar ix-xogħol ta' Selina. Il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk.

<u>It-Tieni Sena – Il-Grammatika</u>

<u>Ikteb l-artiklu quddiem il-kliem.</u>

1. ____-naħla 
2. ____-xemx 
3. ____-siġġu 
4. ____-kamp 
5. ____-denfil 
6. ____-ġakketta 
7. ____-farfett 
8. ____-ballun 
9. ____-żejt 
10. ____-damma 
11. ____-mara 

## Risposti

## L-Ewwel Sena pġ. 4

1. il-Ġimgħa 2. bix-xita 3. l-iskola 4. blu 5. il-mamà 6. safra 7. ħamra

## pġ. 5

1. papra 2. xadina 3. tabib 4. siġra 5. misluta 6. ġelat
7. ċerva 8. bagalja 9. ajruplan 10. mutur 11. tadama

## pġ. 6 - Linja taħt dawn il-kliem:

1. taqbeż 2. jiġri 3. jidħak 4. ddoqq 5. ikanta 6. tiżfen
7. tpinġi 8. torqod 9. tibki 10. jixrob

## It-Tieni Sena pġ. 9

1. Veru 2. Veru 3. Falz 4. Veru 5. Falz 6. Veru
7. Veru 8. Veru

## It-Tieni Sena pġ. 11

1. in-naħla 2. ix-xemx 3. is-siġġu 4. il-kamp 5. id-denfil
6. il-ġakketta 7. il-farfett 8. il-baħar 9. iż-żejt 10. id-damma
11. il-mara